# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **904/22 AD**

## KENNETH PULLICINO (K.I. 497271M) EZERCENTI L-KUMMERC KENNETH HARDWARE STORE

**VS**

## ALISON INVESTMENTS LIMITED (C-77176)

**Seduta ta' nhar It-Tlieta, 22 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għal dikjarazzjoni Illi s-socjeta' konvenuta Alison Investments Ltd hija debirici tal-attur, eżerċenti l-kummerċ Kenneth Hardware Store fis-somma ta' ħamsa u tletin elf u tmienja u tletin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€35,038.36), u ordni sabiex jitħallas l-istess ammont dovut mis-socjeta' konvenuta lir-rikorrent, liema talba saret permezz ta' rikors tal-attur Kenneth Pullicino ezercenti l-kummerc Kenneth Hardware Store preżentat fl-erbgha (4) ta' Ottubru 2022 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar l-erbgha (4) ta' Ottubru 2022, Kenneth Pullicino ezercenti l-kummerc Kenneth Hardware Store ikkonferma bil-ġurament tiegħu is-segwenti:

   a. Illi l-esponenti jeżerċita l-kummerċ bl-isem ta' 'Kenneth Hardware Store' permezz ta' stabbiliment li jforni diversi prodotti bħal għodda u għamara fost affarijiet oħrajn;

   b. Illi is-soċjeta' konvenuta akkwistat prodotti mingħand l-attur liema prodotti jammontaw għas-somma ta' ħamsa u tletin elf u tmienja u tletin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€35,038.36) hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala 'DOK A';

   c. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, is-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti u għalhekk l-ammont sopraċitat għadu dovut fis-sħiħ lill-attur;

   d. Illi rappreżentanti tas-soċjeta' intimata kkonfermaw għal diversi drabi illi l-ammont huwa fil-fatt dovut lill-attur u dan kif jidher ukoll minn korrispondenza bejn il-partijiet (kopja tal-korrispondenza hawn annessa u mmarkata bħala 'DOK B');

   e. Illi l-attur pprova għal diversi drabi jinterpella lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas l-ammont dovut, u dan anki permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 2271/2022 intavolata nhar il-31 ta' Mejju 2022, liema ittra ġiet debitament notifikata lis-soċjeta' intimata (kopja tal-ittra uffiċjali hawn annessa u mmarkata bħala 'DOK Ċ');

   f. Illi l-fatti suesposti huma kollha magħrufa personalment mill-attur kif ukoll impjegati tal-kummerċ 'Kenneth Hardware Store' u cioe' Alison Buhagiar li qed jipprezentaw l-affidavits maħlufa tagħhom li fihom fatti li għandhom x'jaqsmu mat-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti u liema fatti jafu bihom personalment (affidavits hawn annessi u mmarkati bħala 'DOK D' u 'DOK E');

Raġunijiet tat-talba

g. Illi l-attur irid li s-socjeta intimata thallas l-ammont ta’ €35,038.36.

h. Illi d-dejn ta’ €35,038.36 dovut mis-soċjeta’ intimata lis-soċjeta’ rikorrenti huwa dejn ċert, likwidu u li għalaq, illi ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta’ fatt, u safejn taf is-soċjeta’ rikorrenti, is-soċjeta’ intimata m’għandiex eċċezzjonijiet xi tressaq fil-konfront tal-fatti kif spjegati mis-soċjeta’ rikorrenti kif ukoll rigwardanti t-talbiet tas-soċjeta rikorrenti, u b’hekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa ta’ smiegħ u skond il-proċedura sommarja a tenur ta’ Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

i. Illi għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet għad-dispenza mis-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta’ huma applikabbli;

j. Illi għar-raġunijiet prevvisti, kellha tiġi addottata din il-proċedura fil-konfront tas-soċjeta’ konvenuta sabiex l-attur jottjeni l-pagament tal-ammont hawn fuq indikat;

3. Għaldaqstant, l-attur talab lil din il-Qorti sabiex:

   i. Tiddikjara u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

   ii. Tiddikjara illi s-soċjeta’ intimata hija debitriċi tal-attur eżerċenti il-kummerċ Kenneth Hardware Store fl-ammont kumplessiv ta’ ħamsa u tletin elf u tmienja u tletin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€35,038.36).

   iii. Tikkundanna u tordna lis-soċjeta’ konvenuta tħallas is-somma ta’ ħamsa u tletin elf u tmienja u tletin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€35,038.36) lill-attur, eżerċenti l-kummerċ Kenneth Hardware Store, rappreżentanti bilanċ ta’ prezz ta’ prodotti fornuti lis-soċjeta’

konvenuta mill-attur, bl-imgħax ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament;

Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali bin-numru ta' referenza 2271/2022 u tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, kontra s-soċjeta' intimata u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess soċjeta' intimata li minn issa qed tiġi nġunta in subbizzjoni.

**Il-Qorti**

4. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Kenneth Pullicino, eżerċenti l-kummerċ bhala Kenneth Hardware Store datat erbgha (4) ta' Ottubru 2022;

5. Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors, u cioe statement of Account li juri l-bilanċ dovut mis-soċjeta' rikorrenti (DOK A), kopji ta' korrispondenza bejn il-partijiet (DOK B), kopja tal-ittra uffiċjali bin-numru 2271/2022 intavolata mill-attur fil-konfront tas-soċjeta' intimata (DOK Ċ), affidavit ta' Kenneth Pullicino (DOK D), affidavit ta' Alison Buhagiar (DOK E) u dokumentazzjoni dwar id-direttur u r-reġistrazzjoni tas-soċjeta' Alison Investments Limited (DOK F).

6. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tal-ghaxra (10) ta' Ottubru 2022 illi permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-seduta tal-Gimgha, tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru 2022, b'ordni lis-socjeta' konvenuta sabiex tidher f'dik il-ġurnata u twieġeb għat-talba tal-attur, u, li fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-attur;

7. Rat illi fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru 2022 il-kawza giet differita ghan-notifika tas-socjeta' intimata ghas-17 ta' Novembru 2022.

8. Rat illi fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Novembru 2022 giet ipprezentata nota mis-socjeta' konvenuta li permezz tagħha hija ammettiet it-talbiet kontenuti fir-rikors guramentat.

9. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

10. Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda l-**ewwel talba** tal-attur, il-Qorti tinnota illi kien minħabba illi s-socjeta' konvenuta kienet ghadha ma gietx notifikata bir-rikors ġuramentat illi ma ngħatatx sentenza waqt is-seduta tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru 2022 u kien għalhekk illi l-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawża għal darb'oħra. Madanakollu, daħlet in-nota ta' ammissjoni tas-socjeta' konvenuta Alison Investments Ltd u l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza. Konsegwentement jidher illi filwaqt illi fl-ewwel seduti ma seta jsir xejn stante illi s-socjeta' konvenuta kien għadha ma ġietx notifikata, u in konsiderazzjoni tal-fatt illi s-sentenza qiegħda effettivament tingħata wara li s-socjeta' konvenuta rregistrat ammissjoni ghat-talbiet attrici din il-Qorti **<u>sejra tikkonsidra l-ewwel talba sorvolata</u>**;.

11. F'dak illi jirrigwarda **t-tieni u t-tielet talba** tal-attur, il-Qorti tinnota illi:

    (a) Jirriżulta mir-rikors guramentat u mill-istatement u mid-dokumenti annessi (DOK. A sa DOK. F) mal-istess rikors promotur illi s-socjeta' konvenuta hija debitriċi tal-attur eżerċenti il-kummerċ Kenneth Hardware Store fl-ammont kumplessiv ta' ħamsa u tletin elf u tmienja u tletin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€35,038.36).

    (b) Kienet is-socjeta' konvenuta stess illi permezz ta' nota preżentata waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru 2022, irreġistrat ammissjoni ghat-talbiet attrici.

12. **In vista tal-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta fl-ammont kif debitament konfermat ukoll bil-provi miġjuba mill-attur, <u>it-tieni talba</u>**

**<u>dedotta fir-rikors ġuramentat tirriżulta pruvata</u> u għandha għalhekk tintlaqa';**

13. **Konsegwentement <u>għandha tintlaqa' wkoll it-tielet talba</u> tal-attur.**

**Decide**

14. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tiddikjara</u>** illi l-ewwel talba ġiet sorvolata;

(ii) **<u>Tilqa'</u>** t-tieni talba tas-soċjeta' attriċi u tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tal-attur eżerċenti il-kummerċ Kenneth Hardware Store fl-ammont kumplessiv ta' ħamsa u tletin elf u tmienja u tletin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€35,038.36).

(iii) **<u>Tordna</u>** lis-soċjeta' konvenuta tħallas is-somma ta' ħamsa u tletin elf u tmienja u tletin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€35,038.36) lill-attur, eżerċenti l-kummerċ Kenneth Hardware Store, rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' prodotti fornuti lis-soċjeta' konvenuta mill-attur bl-imgħax kif mitlub.

Bl-ispejjeż, inklużi dawktal-ittra uffiċjali bin-numru ta' referenza 2271/2022 u tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment mar-rikors ġuramentat, a karigu tas-socjeta' konvenuta Alison Investments Ltd.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**